MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 2233/1998/2

**Saviour Mary sive Silvio Cutajar u b'nota tat-3 ta' Frar, 2003, l-Avukat Dottor Philip Maduca assuma l-atti tal-kawza bhala kuratur tal-inabilitat Salvino Mario Cutajar u dana ai termini tad-digriet tas-Sekond'Awla tas-27 ta' Mejju, 2002**

**vs**

1. **S.C. & Company Limited;**
2. **Leonarda u Salvatore sive Salvu Cutajar;**
3. **Carmelo Maria Cutajar u martu Jacquiline ghal kull interess li jista' jkollha;**
4. **Joseph Mary Cutajar u martu Marianna ghal kull interess li jista' jkollha**
5. **Mary Rose Bristow u zewgha Eddie ghal kull interess li jista' jkollu;**

**6. Michael Cutajar u martu Margaret ghal kull interess li jista' jkollha**
**7. Leonard Cutajar**
**8. John Mary Cutajar**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur fit-30 ta' Ottubru, 1998, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi l-attur huwa azzjonista fl-ammont ta' mitejn (200) sehem fis-socjeta' konvenuta S. C. Company Limited mentri l-konvenuti l-ohra kollha kif assistiti mill-konjugi taghhom ghal kull interess li jista' jkollhom jippossjedu bejniethom ir-rimanenti ammont ta' ishma fil-porzjoni rispettivi taghhom;

Illi fit-3 ta' Awissu 1998 inzammet laqgha generali straordinarja tas-socjeta' konvenuta fejn giet approvata risoluzzjoni li permezz taghha gew varjati u emendati l-artikoli 8 u 15 rispettivament ta' l-Istatut tas-socjeta (ara document SC1);

Illi din ir-risoluzzjoni giet approvata fost ohrajn billi l-konvenuta Leonarda Cutajar ghamlet uzu minn prokura rilaxxjata a favur taghha mill-attur u dan fit-3 ta' Awwissu 1998 (ara document SC2);

Illi meta l-attur irrilaxxja din il-prokura favur l-imsemmija konvenuta l-kunsens tieghu ittiehed b'qerq u vjolazzjoni kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Illi fiz-zmien li iffirma il-prokura tat-3 ta' Awissu 1998 l-attur ma kellux il-kapacita mentali rikjesta mill-ligi sabiex jikkuntratta u konsegwentement il-prokura de quo hija nulla u bla effett fil-ligi;

Illi ghalhekk ukoll ir-risoluzzjoni fuq imsemmija mehuda fit-3 ta' Awissu 1998 hija konsegwenzjalment nulla u minghajr ebda effett fil-ligi;

Talab ghalhekk li l-konvenuti jew min minnhom jghidu ghaliex ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tiddikjara li l-prokura rilaxxjata mill-attur fit-3 ta' Awissu 1998 a favur tal-konvenuta Leonarda Cutajar hija nulla u minghajr effett fil-ligi u dan stante l-kunsens ta' l-istess attur kien vizzjat minn qerq u vjolazzjoni meta rrilaxxja din il-prokura, kif wkoll il-kunsens tal-attur ma kienx validu fil-ligi peress li l-attur ma kellux il-kapacita mentali rikjesta mill-ligi sabiex jikkuntratta;
2. sussegwentement jigi ukoll dikjarat li r-risoluzzjoni mehuda fit-3 ta' Awissu 1998 kif fuq inghad tas-socjeta' konvenuta S.C. & Company Limited hija similment nulla u minghajr ebda effett b'riserva cara ghal kull azzjoni tad-danni li tispetta lill-attur;

Bl-ispejjez u bil-konvenuti minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Mary Cutajar u martu Marianna, Leonard Cutajar, John Mary Cutajar, Michael Cutajar u martu Margaret u ta' l-istess Michael Cutajar ghan-nom ta' ohtu Mary Rose Bristow u zewgha Eddie, t-tnejn assenti minn Malta, li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi l-prokura rilaxxata mill-attur hija valida ghall-effetti u finijiet kollha tal-ligi, u inghatat minnu liberament u xjentement wara li l-portata ta' l-istess prokura giet spjegata lilu minn avukat li rredigiha. Ghalhekk la gie prattikat qerq u lanqas vjolenza fuq l-attur minn ebda wiehed jew wahda mill-eccipjenti;

2. Illi ghar-rigward tat-tieni talba, din hija wkoll infondata billi r-risoluzzjoni mpunjata ittiehdet validament skond l-istatut tas-socjeta';

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti Joseph Mary Cutajar u martu Marianna, Leonard Cutajar, John Mary Cutajar, Michael Cutajar u martu Margaret u ta’ l-istess Michael Cutajar ghan-nom ta’ ohtu Mary Rose Bristow u  zewgha Eddie;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Leonarda Cutajar ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ S.C. & Company Limited, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-prokura tat-3 ta’ Awissu 1998 hija valida ghall-effetti u finijiet kollha tal-ligi u nghatat minnu liberament u xjentement wara li  l-portata ta’ l-istess prokura giet spjegata lilu minn Avukat li rredigiha;

2. Illi ghar-rigward tat-tieni talba, din hija wkoll infondata billi r-resoluzzjoni impunjata ttiehdet validament skond l-istatut tas-socjeta’;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u il-lista tax-xhieda tal-konvenuta Leonarda Cutajar ghan-nom u in rappresentanza tas-socjea’ S.C. & Company Limited;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Leonarda Cutajar, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1 Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-prokura tat-3 ta’ Awissu 1998 hija valida ghall-effetti u finijiet kollha tal-ligi u nghatat minnu liberament u xjentement wara li  l-portata ta’ l-istess prokura giet spjegata lilu minn Avukat li rredigiha;

2 Illi ghar-rigward tat-tieni talba, din hija wkoll infondata billi r-resoluzzjoni impunjata ttiehdet validament skond l-istatut tas-socjeta’;

3 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u il-lista tax-xhieda tal-konvenuta Leonarda Cutajar;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Carmelo Maria Cutajar u martu Jacquiline, li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi hemm qbil dwar l-ewwel talba u cioe’, li l-prokura rilaxxjata mill-attur a favur ta’ Leonarda Cutajar fit-3 ta’ Awissu 1998 kienet nulla u minghajr effett skond il-Ligi stante vizzju tal-kunsens tal-istess attur;

2. Illi l-eccipjenti jaqblu li r-risoluzzjoni imsemmija fic-citazzjoni hija nulla u bla effett;

3. Illi l-eccipjenti m’ghandhomx ibaghtu ebda spejjez f’din il-kawza kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti Carmelo Maria Cutajar u martu Jacquiline;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuti Joseph Mary u Marianna konjugi Cutajar, John Mary Cutajar, Michael u Margaret konjugi Cutajar u ta’ Michael Cutajar ghan-nom ta’ l-assenti ohtu Mary Rose Bristow u zewgha Eddie Bristow u tal-konvenut Salvu Cutajar;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba ghal dikjarazzjoni fis-sens li l-prokura rilaxxata mill-attur1 hija nulla u minghajr

---

[1] Esebita a fol 8 tal-process

effetti fil-ligi billi l-kunsens tieghu kien vizzjat minn qerq u vjolazzjoni meta irrilaxxja l-istess prokura u l-kunsens tieghu ma kienx validu fil-ligi peress li ma kellux il-kapacita mentali rikjesta mill-ligi sabiex jikkuntratta. Bhala talba konsegwenzjali, il-Qorti ghandha wkoll talba ghal ordni fis-sens li r-risoluzzjoni mehudha fit-3 ta' Awissu 1998, tas-socjeta' konvenuta SC & Company Ltd (esebita a fol 12 tal-process), hija similment nulla u minghajr ebda effett.

Illi l-intimati kollha, ad eccezzjoni tal-intimati Carmelo Maria Cutajar u martu Jacqueline li qablu mat-tabiet attrici, eccepew li l-prokura in kwistjoni hija valida ghal kull effett fil-ligi u li konsegwentement ir-resoluzzjoni msemmija fit-talbiet attrici ttiehdet b'mod validu skond l-istatut tas-socjeta' intimata.

Illi fil-mori tal-kawza, u cioe' nhar it-8 ta' Lulju 2002[2], il-Qorti giet infurmata li l-attur gie inabilitat b'Digriet tas-Sekond'Awla[3], u li Dr. Philip Manduca gie nominat bhala kuratur tieghu[4]. Sussegwentement, l-imsemmi Avukat Manduca assuma l-atti bhala kuratur tal-attur[5]. Konsegwentement, il-Qorti laqghet it-talba tal-Avukat Manduca u ordnat il-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza odjerna sabiex dan jirrifletti l-inabilitazzjoni tal-attur u l-kuratur li jirrapprezenta lill-istess attur.[6] Uhud mill-intimati talbu lil din il-Qorti l-awtorizazzjoni sabiex ikunu jistghu jappellaw mid-Digriet[7], izda permezz ta' Digriet datat l-14 ta' Gunju 2004, tali talba giet michuda[8].

## Il-mertu tal-kawza

[2] Ara a fol 100 tal-process

[3] Esebit a fol 108 tal-process

[4] Ara d-Digriet esebit a fol 110 tal-process

[5] Ara a fol 111 tal-process

[6] Ara a fol 119 tal-process

[7] Ara a fol 122 tal-process

[8] Ara a fol 130 tal-process

Il-Qorti tirrileva li hekk kif gie dikjarat fil-kawza fl-ismijiet **Mary Hayman Pr Et Ne Vs John Hayman**9 "***Hu principju komunement ricevut li kull persuna titqies mentalment sana, sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju***". Ghalhekk, dak li qieghed jitlob l-attur huwa proprju dikjarazzjoni li tmur kontra l-presunzjoni tal-ligi, fis-sens li dak maghmul minnu jigi dikjarat null (stante li l-presunzjoni hija li kull att huwa validu sakemm ma jigix dikjarat null jew jigi invalidat), abbazi tal-fatt li ma kellux kapacita' li jaghmel dak l-istess att (u cioe' kontra l-presunzjoni msemmija aktar 'il fuq fis-sentenza citata, u cioe' li dik li l-presunzjoni tivvaforixxi l-kapacita' mentali). Ghalhekk, il-prova ta' dak li qieghed jallega l-attur hija fuqu stess, huwa jrid necessarjament jipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-presunzjonijiet hawn fuq imsemmija gew kontraddetti bi provi cari. Sabiex it-talbiet attrici jirnexxu, l-istess attur irid jipprova sal-grad rikjest mill-ligi li ma kellux il-volonta' li jaghmel tieghu l-att li ommu ghamlet f'ismu;- "***la ratifica consiste in una manifestazione di volonta' del dominus diretta ad approvare l'operato del rappresentante o del mandatario, per la quale non sono richieste formule sacramentali, occorrendo pero' che la volonta' di fare propri gli effetti del negozio gia' concluso sia manifestata in modo chiaro ed inequivoco, non necessariamente per iscritto (ove tale forma non sia richiesta per l'atto compiuto del rappresentante), ma anche con atti o fatti che implichino necessariamente la volonta' di far proprio il contratto e I suoi effetti: puo' dunque essere anche tacita, ma sempre a condizione che dal contegno del dominus o del mandante risulti in mod univoco la volonta di rendere efficace il negozio***."[10].

Illi jidher car li l-mertu tal-kawza odjerna jdur fuq zewg binarji u cioe':

(1) **Il-kapacita' mentali tal-attur o meno li jaghti prokura u li jifhem l-implikazzjonijiet ta' warajha**.

[9] Deciza nhar is-16 ta' Marzu 1959 mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri)

[10] Cass. Civ., Sez I, 8.4.04

Illi huwa principju generali u maghruf li l-kapacita' necessarja sabiex wiehed jaghti prokura hija l-istess tip ta' kapacita' necessarja sabiex wiehed ikun jista' jaghmel kuntratt.

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghal insenjamenti relatati mal-istess kapacita' mentali li wiehed jaghti prokura, u jigu kwotati Berna Collier, Chris Coyne, Karen Sullivan fejn jispjegaw li "***The general rule is that a person of legal capacity may execute a power of attorney***" u jzidu jghidu li "***the issues which the donor should understand in the context of executing an enduring power of attorney have been interpreted as follows: First (if such be the terms of the power) that the attorney will be able to assume complete authority over the donor's affairs. Secondly (if such be the terms of the power) that the attorney will in general be able to do anything with the donor's property which he himself could have done. Thirdly, that the authority will continue if the donor should be or become mentally incapable. Fourthly that if he should be or become mentally incapable, the power will be irrevocable without confirmation by the court***" 11.

Ghalhekk il-Qorti trid tara jekk mill-provi prodotti fil-mori tal-kawza giex pruvat li l-attur ma kellux kapacita' jaghti tali prokura generali jew le. Illi ta' importanza kbira hija x-xiehda tal-attur stess fejn, b'referenza ghall-prokura nnifisha, jghid li iffirma biex "***missieri ma jkompliex johodli l-flus tal-Bank tieghi u li issa kienet ser taghmel tajjeb ghal dan ommi***"[12], filwaqt li in kontro-ezami jghid "***jiena li ridt niffirma huwa biex ohti terga tibda tidhol fir-razzett. Jiena nghid wkoll li hadd ma gaghlni biex niffirma dan id-dokument, la ommi, la hija li kien prezenti u lanqas l-avukat Debono. Fil-fatt***

[11] Mental capacity: powers of attorney and advance health directives

[12] Ara a fol 53 tal-process

***iffirmajt dan id-dokument biex ohti terga tidhol fir-razzett***."[13]

Illi wiehed necessarjament jinnota li l-attur jaghmel enfasi kbira fuq il-fatt li ffirma tali prokura sabiex ommu tibda tiehu hsieb minfloku l-aspetti li jikkoncernawh, kif ukoll sabiex ohtu tiehu lura razzett, izda jrid jigi nnutat li l-prokura mertu tal-kawza hija wahda generali u mhux specifika bil-mod li jsemmi jew li jahseb li hija l-attur. L-istess xhud jaghti spjegazzjoni u jiccara li kien hemm episodji ohra fejn ma kienx iffirma, fosthom sabiex tigi ffurmata kumpanija gdida. L-Avukat Dr. Edward Debono jixhed li l-prokura saret "***partikolarment, minkejja li kienet prokura generali, kienet biex…ommu tkun tista tiffirma ghan-nom tieghu f'extraordinary general meeting tal-kumpanija SC & Company Limited reg num C6050 u biex tista tagixxi waqt din il-laqgha generali tal-kumpanija ghan-nom u fl-interess ta' binha li kellu azzjonijiet f'din l-istess kumpanija***"**.** Ix-xhud jikkonferma wkoll li l-attur kien jaf x'inhi prokura ghaliex meta staqsieh, l-attur irrisponda "***iva, kif jaghmlu huti. Jien irrid naghti l-istess awtorizzazzjoni lil ommi***" u meta staqsieh x'inhi fattwalment prokura qallu "***prokura hi illi dak li nista naghmel jien tista taghmlu ommi ghan-nom tieghi***". Ix-xhud jelabora billi jghid li "***l-attur kien qieghed jifhem dak kollu li kont qed nghidlu jiena***" izda il-Qorti trid necessarment tistabbilixxi jekk l-attur kellux il-kapacita' li jifhem mhux biss dak li kien qieghed jintqal lill-attur imma wkoll jekk dan tal-ahhar kellux il-kapacita' mentali li jifhem il-riperkussjonijiet tal-azzjoni tieghu.

Illi il-Qorti tirrileva li mix-xhieda prodotti ma jidhirx li hemm qbil fuq ir-raguni il-ghaliex saret il-prokura in kwistjoni. Dan qieghed jinghad ghaliex filwaqt li l-attur jikkontendi li din saret sabiex ommu tiehu over fuq missieru u tibda tamministralu flusu u biex ohtu terga' tiehu r-razzett, l-Avukat Debono jiddikjara li din saret principalment minhabba l-*extraordinary general meeting* tal-kumpanija

[13] Ara a fol 57 tal-process

SC& Company Ltd (ghalkemm jikkonferma wkoll li l-prokura in kwistjoni hija wahda generika), filwaqt li omm l-attur, Leonarda Cutajar tikkontendi li din saret biex "***inkun nista' niddepozitalu l-flus li huwa jircievi bhala pensjoni***"[14]. Il-Qorti tinnota wkoll il-kliem uzat minn omm l-attur, u cioe' "***jiena ridt***" li juri li kien hemm xi forma ta' intenzjoni li din il-prokura ssir favuriha mill-attur. Kienet omm l-attur stess li fissret lill-Avukat Debono x'riedet illi jsir. Fi kliemha stess tghid "***jiena l-avukat debono ghedtlu wkoll illi ridt illi l-prokura tkun tkopri l-fakolta li jiena nkun nista niffirma ghat-tifel tieghi ghar-rigward tal-kumpanija konvenuta, cioe SC and Company Ltd. Jiena kont ghedtlu hekk lill-avukat peress illi skond jien r-ragel tieghi ma kienx qed imexxi sew din il-kumpanija***."[15]

Illi il-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xiehda ta' Carmelo Maria Cutajar[16] fejn jixhed dwar ic-cirkustanzi u l-fatti relatati mal-kaz odjern. Huwa jghid li flimkien ma huh Silvio (l-attur), kienu jaqblu li ommhom kellha tinghata l-istess poteri bhal missierhom fil-kumpanija izda kienu jopponu li l-istatut jinbidel fis-sens li l-ahwa Joseph u Michael ikollhom l-istess poteri daqs ommhom u missierhom. Ix-xhud jirrakkonta li kien hemm episodju precedenti fejn (ad in saputa tal-missier u tal-attur) l-ahwa, u cioe' l-intimati l-ohra, pruvaw ibiddlu l-istatut izda "***ir-rizoluzzjoni relattiva pero' ma kinitx giet approvata***". L-istess xhud jispjega wkoll li kien hemm episodju iehor fejn rega' gie mitlub jiffirma u ghal darb'ohra rega' rrifjuta li jaghmel dan. Ix-xhud jaghti stampa cara ta' kif l-intimati pruvaw jikkonvincu lill-attur jiffirma wkoll (ghalkemm dan huwa episodju differenti minn dak li wassal ghall-iffirmar tal-prokura mertu tal-kawza) u jghid li "***f'hin minnhom huti, cioe' Michael, Joe u Leonard daru ghal fuq hija Silvio u rieduh bilfors li jiffirma. Dan cioe' hija Silvio beda jibki u jien***

[14] Ara a fol 71 tal-process

[15] Ara a fol 74 tal-process

[16] Ara a fol 87 tal-process

***ghedtilhom biex ihalluh fil-kwiet. Eventwalment hadd ma ffirma ghal tibdil fl-istatut***"[17]. Xhieda li tmur kontra x-xhieda tal-intimat Carmelo Maria Cutajar hija dik tal-Michael Cutajar fejn jiddikjara li l-attur kien "***favur ir-rizoluzzjoni***"[18] (kif jikkontendu wkoll Marjohn Cutajar[19] u Joseph Cutajar[20]). L-istess xhud izid jghid li "***deherli li kien kapaci li jaghmel dawn ir-ragunamenti u kien kapaci jikkonkludi li huwa kien favur ir-rizoluzzjoni u anke kif tlabtu jiena li jiffirma porkura favur ommi. Jiena kont issugerejtlu lil Silvio biex jiffirma prokura peress li jiena kont zgur li missieri ma kienx ser ihallih jiddikjara li huwa, cioe Silvio, kien favur ir-rizoluzzjoni. Meta jiena ssugerejt li ssir din il-prokura favur ommi Silvio wera li kien favur ukoll***". Il-Qorti terga' tinnota ghal darb'ohra li jidher bic-car li l-attur kellu xi forma ta' pressjoni (u dan anke tenut kont tal-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert mediku mqabbad minn din il-Qorti) biex jiffirma tali prokura ghaliex dan is-'suggeriment' ma sarx minn persuna wahda.

Illi issir referenza wkoll ghall-istqarrija tal-Pulizija maghmula minn Michael Cutajar[21] u li permezz taghha l-istess Michael Cutajar jaghti l-verzjoni tieghu ta' kif giet finalment iffirmata din il-prokura. Mistoqsi mill-Pulizija jispjega ghala Silvio Cutajar kien informa lill-Pulizija li kien spjegat lilu li l-prokura saret biex ommu tkun tista' tiehu hsieb il-flus u biex ohtu tista' tidhol fir-razzett taghha imma qatt ma intqal lilu li kien qed jiffirma biex inehhi lil missieru minn amministratur tal-kumpanija SC & Company Ltd, Michael Cutajar jirrispondi li "***din hija parti zghira mill-istorja. Nixtieq nispjega li missieri qatt ma inqala' minn firmatorju biss zdiedu xi nies biex id-decizjonijiet dwar il-kumpanija jittiehdu minn aktar***

[17] Ara a fol 89 tal-process

[18] Ara a fol 133 tal-process

[19] Ara a fol 158 tal-process

[20] Ara a fol 166 tal-process

[21] Ara a fol 153 tal-process

***persuni***" izda ma jaghtix spjegazzjoni xierqa ghala l-istess Silvio Cutajar qatt ma gie mgharraf bir-riperkussjonijiet tal-istess prokura. Issir referenza wkoll ghall-fatt li jidher li tali stqarrija gie mitluba mill-Pulizija snin wara li din il-prokura inghatat, izda dan il-fatt ma jxejjen xejn mill-mertu tal-kawza odjerna.

Illi il-Qorti tirrileva wkoll li apparti l-prova oggettiva tar-rapport tal-espert mediku, jirrizulta li l-Avukat Debono, ghall-anqas inizjalment, kellu d-dubji dwar jekk l-attur kellux il-fakulta' li jiffirma u jaghti prokura u fil-fatt, l-istess avukat ghamel sewwa meta ha l-mizuri li ra li kienu necessarji sabiex ikun cert li l-istess attur kien kapaci jiffirma u jifhem prokura. Dan jikkonfermah l-istess Avukat fix-xiehda tieghu a fol 67 tal-process.

Illi il-prova oggettiva dwar l-istat mentali tal-attur u l-kapacita' tieghu li jidhol u jiffirma fuq atti hija dik relatata ghar-rapport jew il-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert mediku Dr. Peter Muscat li gie mqabbad mill-Qorti[22] sabiex jirrileta dwar l-istat mentali tal-istess attur, kemm ghal dak li jirrigwarda z-zmien prezenti kif ukoll ghaz-zmien relattiv dwar meta saret il-prokura mertu tal-kawza. Mir-rapport tal-espert psikjatra mahtur minn din il-Qorti[23] jirrizulta lill-istess espert li ghalkemm ghall-*casual observer* jista' jirrizulta li l-abilita' ta' komunikazzjoni tieghu huma ahjar milli fil-fatt huma "***it is obvious that he does not have the ability skills of a 10 year old, let alone those of a 25 year old. Silvio has no appreciable literacy or numeracy skills***"[24]. L-istess espert ikompli jelabora meta jghid li "***Silvio is a young man with considerable intellect and cognitive impairment who is <u>unable</u> to make any judgements that would require him to consider long-term implications of his actions. …<u>he has no insight into the implications of his actions</u> or those of others….. Silvio's difficulties are of a congenital nature and he will never improve to***

[22] Ara a fol 86 tal-process

[23] Esebit a fol 101 tal-process

[24] Ara a fol 104 tal-process

***the degree that he will become independent of others for more than basic needs and simple functioning in his life*.”[25]**

In vista ta’ tali dikjarazzjoni, il-Qorti tirrileva li huwa pjuttost inutili li wiehed ikompli jikkontempla jekk l-attur kellux il-fakulta’ li jiffirma u jaghti l-prokura in kwistjoni u dan ghaliex, l-ewwel nett il-Qorti m’ghandha ebda prova kontrarja ghall-istess rapport tal-espert imqabbad minnha u fuq kollox, l-intimati ma hadux il-passi necessarji sabiex il-Qorti tinnomina xi esperti addizzjonali. Din il-Qorti ghandha quddiemha opinjoni esperta u li bl-ebda mod ma giet kontraddetta tant li l-istess espert la gie mistoqsi in eskussjoni u kif diga’ intqal, ma gewx mitluba periti addizzjonali. Ghalhekk, il-Qorti ser tistrieh fuq il-konkluzjonijiet tal-istess perit mediku mqabbad minnha. In vista ta’ dan, il-Qorti tirrileva wkoll li ghalkemm fil-mori tal-kawza gew prezentati numru ta’ dokumenti, fosthom konvenji ffirmati mill-attur stess, il-fatt li ffirmahom ma jfissirx li l-istess attur verament ried jiffirma jew ahjar, kien verament konxju mir-riperkussjonijiet u l-implikazzjonijiet tal-azzjonijiet tieghu (u dan in vista tal-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert mediku).

(2) **<u>Il-vizzju tal-kunsens abbazi tal-allegat qerq u vjolenza meta rrilaxxa din l-istess imsemmija prokura</u>**

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li gialadarba l-attur ma kellux il-kapacita’ mentali li jiffirma u jifhem l-implikazzjonijiet ta’ tali prokura, allura dan necessarjament ifisser li l-istess attur ma seta’ qatt jaghti l-kunsens tieghu b’mod liberu kif trid il-ligi. B’dana kollu, ghall-finijiet ta’ kompletezza u ghall-finijiet tat-talbiet attrici stess, il-Qorti ser tidhol fil-kwistjoni tal-vizzju tal-kunsens abbazi tal-allegat qerq u vjolenza.

Illi fl-ewwel lok issir referenza ghal Artiklu 974 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jghid li:

[25] Ara a fol 104 – 105 tal-process

"***Jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b'egħmil doluż, ma jkunx jiswa***"

kif ukoll ghal Artikolu 978 tal-istess Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

(1) "***Il-kunsens jitqies meħud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li taħkem fuq persuna raġonevoli u ġġegħilha tibża' li hija nfisha jew ħwejjiġha jistgħu jiġu mqiegħda għal xejn b'xejn f'perikolu ta' ħsara kbira.***
(2) "***F'dawn il-każijiet, għandhom jitqiesu l-età, is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna***".

Illi il-Qorti tirrileva li l-oneru tal-prova fuq l-allegat vizzju tal-kunsens abbazi ta' qerq u vjolenza kien jinkombi fuq l-attur. Fil-mori tal-kawza, gew imsemmija diversi episodji ta' vjolenza, fosthom episodju minnhom fejn kien sar tentattiv ta' *meeting* tal-kumpanija intimata li sfratta frott ta' disgwit bejn il-partijiet. L-intimata Jacqueline Cutajar[26] tixhed li kienet halliet lit-tfal ma l-istess konvenuta Leonarda Cutajar (omm l-attur), u meta giet lura sabet t-tfal taghha mal-girien u t-tifla l-kbira qaltilha li kienu gew '***tnejn minn hut ir-ragel tieghi u cioe Joseph u Michael u kienu hadu l-ommhom maghhom. Dakinhar jiena stajt nara lil Joe u Michael Cutajar qed jigbdu lil ommhom li kienet hafja fuq il-bankina. Nikkonferma li rajthom jigbdu lil ommhom qisom qed jigbdu tifla zghira lejn il-karozza ta' wiehed minnhom pero ma niftakarx ta min minnhom kienet il-karozza***', izda tali episodju m'ghandux rilevanza diretta mal-prokura nnifisha mertu tal-kawza. Lanqas m'ghandhom rilevanza l-episodji l-ohra msemmija minn uhud mill-intimati fejn jikkontendu li missierhom huwa ragel vjolenti, u dan ghaliex tali allegata vjolenza m'ghandha ebda ness fuq il-prokura nnifisha. Li trid tiddeciedi il-Qorti huwa jekk l-attur, meta ffirma din l-istess prokura, kellux il-kunsens tieghu vizzjat abbazi tal-qerq jew tal-vjolenza kommessa minn terzi.

[26] Ara a fol 80 tal-process

Dwar l-allegata vjolenza

Mill-gbir tal-provi ma jirrizultax b'mod konvincenti li l-kunsens tal-attur kien vizzjat abbazi ta' vjolenza fizika, u dan anke tenut kont tal-fatt li l-istess attur ma jsemmi xejn dwar vjolenza (f'dak il-jum partikolari li inghatat il-prokura, jew li gie sottomess ghal xi forma ta' vjolenza biex jiffirma) anzi jirrizulta li mar ghand l-Avukat Debono liberament (ghalkemm haduh hemm). Kif il-Qorti kellha diga' l-opportunita' li ssemmi, ghalkemm fil-mori tal-kawza ssemmew diversi episodji ta' vjolenza, l-ebda wiehed minnhom ma sehh dakinhar li giet iffirmata l-prokura jew li seta' ta lok sabiex l-attur jiffirma tali prokura kontra r-rieda tieghu. Jifdal ghalhekk illi il-Qorti tiddeciedi jekk il-kunsens tal-attur kienx vizzjat bi vjolenza morali.

Illi il-vjolenza morali u l-vizzjar tal-kunsens abbazi abbazi tieghu, l-attur kellu necessarjament jipprova li "***din il-vjolenza tkun il-kawza determinanti tal-kuntratt li li l-kunsens ikun il-frott tal-vjolenza ezercitata biex jigi ottenut skop divers u trid tkun ukoll l-opera tal-persuna li ezercitata biex tottjeni dak il-kunsens***"[27] kif ukoll li tali vjolenza morali kienet "***determinanti, ingusta u gravi u tali li taghmel impressjoni fuq il-persuna ragonevoli u li tiggenera l-biza' li tesponi ingustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal dannu gravi***"[28]. Tenut kont tal-Artikolu 978(2) tal-Kap. 16 kif ukoll tal-kapacita' tal-istess attur (*stante* li l-espert mediku kkonkluda li "***he will happily go along with adults he trusts because of his amiable and docile nature but has no insight into the implications of his actions or those of others***", il-Qorti hija konvinta li l-attur kien seren fil-prezenza ta' ommu u proprju minhabba l-fatt li l-istess attur kien ikkumpanjat minn ommu (li xehdet li kienet hi stess li riedet li tali prokura ssir), li l-attur hassu komdu li jiffirma. Tenut kont ukoll tax-xhieda msemmija aktar 'il fuq, li kkorraboraw ghall-anqas il-fatt li l-istess attur dak inhar li giet iffirmata l-prokura ried jiffirma (ghalkemm kif diga' gie

---

[27] Edgar G. Soler nomine vs H.H. Sir David Campbell nomine (Vol. XXX111, P.II, pp 431

[28] Rosario Bartolo vs Giovanni Bartolo, Vol XXIX, P.II, pp 749

rilevat, l-istess attur ma kellux konjizzjoni dwar x'kien qieghed jiffirma u x'kienu l-implikazzjonijiet tal-istess firma u fuq kollox ma jirrizultax li kien jaf il-veru raguni u l-iskop tal-istess prokura) u tenut kont tal-fatt li jirrizulta mix-xhieda hawn fuq imsemmija li hut l-attur mhux l-ewwel darba li kienu semmewlu din il-prokura u riduh jiffirmaha favur ommhom, il-Qorti hija konvinta li l-kunsens tal-attur ma kienx vizjat abbazi ta' vjolenza morali fis-sens li tesigi l-ligi, ghaliex l-elementi necessarji sabiex tigi pruvata vjolenza morali msemmija aktar 'il fuq ma gewx pruvati sal-grad rikjest mil-ligi, izda *se mai* kellu xi forma ta' pressjoni (ghalkemm din ma kienitx tali fis-sens li tammonta ghal vjolenza morali jew li tivvizzja l-kunsens tal-attur abbazi tal-istess).

<u>Dwar l-allegat qerq</u>

Illi dwar din l-allegazzjoni, ghal darb'ohra kien jinkombi fuq l-attur li jipprova sal-grad rikjest mil-ligi kif gie mqarraq biex jiffirma tali prokura. Sabiex tali allegazzjoni tkun tista' tirnexxi, l-attur irid necessarjament jipprova l-ghemil doluz li mhux prezunt, u dan abbazi tal-Artikolu 981 li jghid li:

(1) "***L-egħmil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta***.

(2) ***L-egħmil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat***".

Illi l-attur huwa konsistenti fix-xiehda tieghu u jsostni li huwa ffirma, ried jiffirma sabiex ommu tihodlu hsieb il-flus tal-bank u sabiex ohtu tkun tista' tiehu lura r-razzett. Mill-provi ma jirrizultax li lill-attur issemmietlu l-kwistjoni tal-bdil fil-kumpanija, anzi jzid jghid li ma kienx jaf li bil-firma tieghu l-posizzjoni ta' missieru fi hdan il-kumpanija ma kienitx ser tibqa l-istess. Dan hu kkorabborat mill-fatt li mix-xhieda jirrizulta li kien hemm episodju iehor fejn uhud mill-intimati ittentaw igieghlu lill-attur jiffirma (izda f'dak il-kaz, ma ffirmax). Tenut kont ta' dak stabbilit mir-rapport mediku tal-espert imqabbad minn din il-Qorti, il-Qorti

tifhem li l-attur ma kienx kapaci jifhem u jevalwa li bl-istess prokura, l-intimata ommu setghet tiddeciedi ghalih u tiehu dawk il-passi necessarji kollha sabiex l-istatut tal-kumpanija jigi mibdul. Huwa zgur (abbazi tal-istess rapport) li l-attur ma setax jahseb *long-term* u ghalhekk, tenut kont tal-kapacita' mentali tieghu u tenut kont ukoll li l-intimati naqsu milli jsemmu tali fattur li kellu tant importanza, l-kunsens tal-attur kien vizjat b'qerq, ghaliex li kieku l-attur verament fehem x'kien qieghed jiffirma u li kieku gie spjegat lilu li b'hekk l-istatut tal-kumpanija seta' jinbidel, il-Qorti hija konvinta li l-attur ma kienx jiffirma kif wara kollox ma kienx iffirma precedentement. Il-qerq da parti tal-istess intimati jirrizulta u huwa manifest mill-fatt li whud mill-intimati hadu l-opportunita' li giethom u ipprofittaw ruhhom mill-kapacita' mentali tal-istess attur u mic-cirkustanzi kollha li wasslu ghal dak il-mument, tant li l-istess attur baqa' konsistenti fix-xiehda tieghu li huwa ffirma ghax ried li ohtu tiehu r-razzett lura filwaqt li l-intenzjoni tal-intimati, specjalment dik tal-omm, kienet dejjem dik li jsir it-tibdil necessarju fl-istat tal-kumpanija.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-prokura rilaxxata mill-attur fit-3 ta' Awwissu 1998 a favur tal-konvenuta Leonarda Cutajar hija nulla u bla effett fil-ligi abbazi tal-vizzju tal-kunsens tal-attur abbazi ta' qerq kif ukoll abbazi tan-nuqqas ta' kapacita' mentali tal-istess attur li jiffirma l-prokura in kwistjoni, tilqa' it-tieni talba u tiddikjara li r-rizoluzzjoni mehuda fit-3 ta' Awwissu 1998 hija bl-istess mod nulla u minghajr ebda effett fil-ligi u konsegwentement tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati kollha, ad eccezzjoni tal-intimati Carmelo Maria Cutajar u martu Jacqueline Cutajar, u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati Carmelo Maria Cutajar u martu Jacqueline Cutajar. Bl-ispejjez kontra l-intimati kollha ad eccezzjoni ta' Carmelo Maria Cutajar u martu Jacqueline Cutajar li l-ispejjez taghhom ghandhom jigu sopportati wkoll mill-intimati l-ohra.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------